# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**(President)**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 16 ta' Marzu, 2023.**

**Numru 5**

**Rikors numru 134/11/1 MCH**

**FS Engineering and Plastic Limited (C-29150)**

**v.**

**Branko Radojevic, eżerċenti l-kummerċ bl-isem "Rado Systems" u GAP Limited (C-10947)**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell tal-konvenuta GAP Limited u appell inċidentali tal-attriċi minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 ta' Diċembru 2021 u li titratta azzjoni għal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni mġarrba mill-attriċi konsegwenza ta' xogħol ħażin li sar fuq parti mill-art tal-fabbrika tagħha;

## Daħla

2. B'rikors maħluf tal-14 ta' Frar tas-sena 2011, l-attriċi spjegat li hija tħaddem negozju fil-qasam tal-manifattura u 'produzzjoni ta' merce', u dan minn fabbrika bl-indirizz 'A25B', fil-Qasam Industrijali tal-Marsa. Tispjega li qabbdet lill-konvenuta 'GAP Limited' sabiex tqiegħed art tal-konkrit fil-fabbrika msemmija, u dan b'diversi patti u kundizzjonijiet, fosthom dawk li l-art tal-konkrit tkun b'fond approssimattiv ta' mitt millimetru, u li l-konkrit ikun tal-kwalità 'C-25'. Tgħid ukoll li sussegwentement, hija mbagħad qabbdet lill-konvenut Branko Radojevic, li jaħdem taħt l-isem ta' 'Rado Systems', u dan sabiex iqiegħed wiċċ tal-eposside *(epoxy)* fuq l-istess art tal-konkrit imqiegħda minn GAP Limited. Tilmenta li wara ftit taż-żmien, il-wiċċ tal-art tal-eposside beda jinfetaħ, jitqaxxar u jinqala', u wara eżami peritali rriżulta li kemm it-tqegħid tal-konkrit, kif ukoll it-tqegħid tal-wiċċ tal-eposside ma sarux skont is-sengħa u l-arti. Issemmi li għalkemm il-konvenut Radojevic wiegħed li kien ser jagħmel ix-xogħlijiet rimedjali, tali xogħlijiet baqgħu ma sarux. Tagħlaq billi tgħid li minħabba dan kollu hija qed iġġarrab dannu konsistenti kemm f'danni attwali kif ukoll f'telf ta' qligħ, u għalhekk hija kellha tagħmel din il-kawża li fiha qed titlob lill-Qorti sabiex:

> *"1. tiddeċiedi u tiddikjara, occorrendo permezz periti nominandi, illi x-xogħol imwettaq mill-kumpannija konvenuta GAP Limited ma sarx skont is-sengħa u l-arti;*

*2. tiddeċiedi u tiddikjara, occorrendo permezz tal-opera ta' periti nominandi, illi x-xogħol imwettaq mill-konvenut Branko Radojevic ma sarx skont is-sengħa u l-arti;*

*3. tiddeċiedi u tiddikjara illi b'konsegwenza ta' dan ix-xogħol ħażin, il-kumpannija attriċi ġarrbet danni;*

*4. tiddeċiedi u tiddikjara illi l-konvenuti, jew min minnhom, huma responsabbli għal dawn id-danni;*

*5. tillikwida d-danni mġarrbin mill-kumpannija attriċi, occorrendo permezz tal-opera ta' periti nominandi;*

*6. Tikkundanna lill-konvenuti, jew min minnhom iħallsu d-danni minnha likwidati lill-kumpannija attriċi u dan previa kull provvediment ieħor li lilha jidhrilha xieraq u opportun;*

*Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali bin-numru 3108/2010, kontra l-konvenuti, jew min minnhom, li huma minn issa inġunti in subizzjoni".*

3. B'risposta maħlufa li ġiet imdaħħla fit-23 ta' Mejju 2011,[1] il-konvenuta 'GAP Limited' qieset it-talbiet tal-attriċi sa fejn imressqa fil-konfront tagħha bħala infondanti fil-fatt u fid-dritt; u filwaqt li qalet li x-xogħol imwettaq minnha sar skont is-sengħa u l-arti żiedet tgħid li hija ma kkaġunat l-ebda danni lill-attriċi;

4. Il-konvenut Branco Radojevic ukoll ikkontesta l-pretensjonijet tal-attriċi sa fejn ġew imressqa fil-konfront tiegħu; u b'risposta maħlufa li ġiet imdaħħla fis-26 ta' Mejju 2011,[2] huwa ressaq għadd ta' eċċezzjonijiet li għall-intendiment aħjar qed jiġu riprodotti hawn taħt: -

*"Illi t-talba tar-rikorrent kif dedotta fil-konfront tal-esponenti hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li mhuwiex minnu li x-xogħol eżegwit mill-esponenti, konsistenti fit-tqegħid tal-eposside, ma kienx skond is-sengħa u l-arti;*

[1] Fol. 39.
[2] Fol. 42.

*Illi fil-fatt jirrizulta mir-rapport tal-Perit ex parte tas-soċjetà rikorrenti li x-xogħol eżegwit mis-soċjetà konvenuta Gap Limited, konsistenti fit-tqegħid tal-konkos qabel ma sar it-tqegħid tal-eposside mill-esponenti, ma kienx sar skond is-sengħa u l-arti, b'mod partikolari ghaliex il-konkos imqiegħed kien ta' grad baxx u għalhekk ma kellux l-hekk imsejħa "compressive strength" idoneu, li kien neċessarju sabiex l-eposside mqiegħed sussegwentement iżomm, u dana minkejja li qabel ma eżegwixxa x-xogħol tiegħu, l-esponenti ġie assikurat li l-grad tal-konkos kien ta' C-25;*

*Illi kien konsegwenti għas-substrat dgħajjef tal-konkos li influwenza l-eventwali tqegħid tal-eposside mill-esponenti kif ser jirrizulta aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*

*Illi fiċ-ċirkostanzi u b'referenza għal paragrafu 7 tar-rikors ġuramentat, filwaqt illi fil-bidu l-esponenti kien dispost li jagħmel xogħlijiet rimedjali, irriżulta minn aċċess li kien sar minnu f'Ottubru 2010 u anke mir-rapport tal-Perit Schembri maħtur mir-rikorrent, li l-konkos ma kienx tal-grad meħtieġ u kien qed jixpakka bil-konsengweza li kien qed jikkaġuna ħsara fl-eposside u għalhekk xoghlijiet rimedjali da parti tiegħu ma kienx responsabbli għalihom, u f'kull każ kien inutli li jsiru kemm-il darba l-konkos ma kienx ser jiġi mibdul;*

*Illi għalhekk l-ewwel u t-tieni talba ma għandhomx jintlaqgħu fil-konfront tal-esponenti;*

*Illi konsegwentement l-esponenti ma għandux jinstab responsabbli għad-danni kif mitlub fit-talbiet tlieta sa sitta tar-rikors ġuramentat, liema danni f'kull każ għandhom jiġu pruvati;*

*Salv eċċezzjonijiet oħra permessi mil-liġi".*

5. B'sentenza mogħtija fid-9 ta' Diċembru 2021, l-Ewwel Qorti, għar-raġunijiet hemmhekk imfissra, iddeċidiet billi: filwaqt li min-naħa l-waħda laqgħet l-eċċezzjonijiet kollha ta' Branko Radojevic u konsegwentement ċaħdet it-tieni talba attriċi; min-naħa l-oħra, ċaħdet l-eċċezzjoni ta' GAP Limited u laqgħet il-bqija tat-talbiet attriċi u dan billi ddikjarat li x-xogħol imwettaq mill-konvenuta GAP Limited ma sarx skont is-sengħa u l-arti, u llikwidat id-danni sofferti mill-attriċi konsegwenza ta' dan, fl-ammont ta' sebgħa u sittin elf, mitejn u ħames ewro, u tmienja u tletin ċenteżmu

(€67,205.38). GAP Limited ġiet ordnata wkoll sabiex tħallas l-ammont hekk kif likwidat u dan bl-imgħax dekorribbli mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv; kif ukoll tħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża, għajr dawk ta' Branko Radojevic li kellha tagħmel tajjeb għalihom l-attriċi;

6. Is-sentenza tal-Ewwel Qorti ma niżlet xejn tajjeb mal-konvenuta GAP Limited, u fuq is-saħħa ta' erba' aggravji li ġew imqajma minnha fir-rikors tal-appell li ġie mressaq fl-4 ta' Jannar 2022, GAP Limited talbet lil din il-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi:

> 1. *"Tilqa' l-eċċezzjonijiet kollha tas-soċjetà esponenti u tiċħad it-talbiet kollha tas-soċjetà attriċi hekk kif diretti fil-konfront tagħha;*
>
> 2. *Alternattivament, fl-eventwalità li din l-Onorabbli Qorti xorta waħda kellha tqis li s-soċjetà esponenti hija responsabbli għad-danni fil-konfront tas-soċjetà attriċi, tikkundanna wkoll lill-konvenut Branko Radojevic sabiex iwieġeb għat-tali danni; u*
>
> 3. *F'kull każ, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu iddeċidiet li s-soċjetà attriċi kienet responsabbli għal 25% tad-danni minnha allegati, tiċħad għal kollox dawk id-danni li l-Ewwel Onorabbli Qorti illikwidat arbitro boni viri"*;

7. B'risposta tat-12 ta' April 2022, il-konvenut Branko Radojevic fisser kif l-ewwel tliet aggravji tal-kumpanija GAP Limited mhumiex siewja u b'hekk talab lil din il-Qorti sabiex tiċħad l-appell ta' GAP u tikkonferma s-sentenza appellata fis-sħiħ tagħha;

8. L-attriċi FS Engineering and Plastic Limited wieġbet ukoll għall-appell ta' GAP u dan billi; filwaqt li ma ħaditx xi pożizzjoni partikolari fir-

rigward tal-ewwel tliet aggravji għaliex stqarret li *"mhux ser tagħmel differenza jekk l-appell intavolat mis-soċjetà GAP Ltd ikun milqugħ fis-sens li l-konvenut Branko Radojevic ikun ikkundannat sehem mir-responsabiltà tal-akkadut"*; insistiet li r-raba' aggravju ta' GAP għandu f'kull każ jiġi miċħud, u b'hekk l-ammont ta' danni hekk kif likwidat mill-Ewwel Qorti għandu jiġi konfermat. Barra minn hekk, l-attriċi pprevalixxiet ruħha mill-appell prinċipali ta' GAP Ltd u dan billi flimkien mar-risposta għall-appell, ippreżentat ukoll appell inċidentali li għar-raġunijiet hemmhekk imfissra, qed titlob lil din il-Qorti sabiex: *"tirrevoka dik il-parti tas-sentenza mogħtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti fejn instabet ħamsa u għoxrin fil-mija (25%) responsabbli tal-akkadut u konsegwentement, tirrevoka dik il-parti mill-kap tal-ispejjeż tal-istess sentenza appellata li ikkundannata tħallas l-ispejjeż tal-konvenut Branko Radojevic. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi a karigu tas-soċjetà GAP Ltd u tal-konvenut Branco Radojevic jew min minnhom"*;

9. B'risposta ppreżentata fit-30 ta' Marzu 2022, il-konvenuta GAP Limited spjegat għalfejn ma taqbilx mal-aggravji li ġew imqajma mill-attriċi fl-appell inċidentali u b'hekk għalqet billi tgħid li *"l-appell inċidentali propost minn FS Engineering and Plastic Limited għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż a karigu tagħha"*. Min-naħa l-oħra, il-konvenut Branco Radojevic ma weġibx għall-appell inċidentali tal-attriċi;

10. Wara li rat l-atti kollha tal-kawża, kif ukoll wara li qieset li l-fażi tal-proċedura bil-miktub ingħalqet, din il-Qorti ma jirriżultalhiex li hemm il-ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ, u b'hekk ser tkun qed tgħaddi minnufih għas-sentenza u dan fuq is-saħħa tal-Artikolu 152(5) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

11. Il-konvenuta GAP Limited qed issejjes l-appell prinċipali tagħha fuq erba' aggravji, li jistgħu jiġu miġbura f'dan il-ftit kliem:

i l-Ewwel Qorti żbaljat meta laqgħet l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Radojevic;

ii l-Ewwel Qorti żbaljat meta qieset li Radojevic kien qed jaġixxi bħala *sub-appaltatur* tagħha għal dak li jirrigwardja t-tqegħid tas-'*self-levelling grout*';

iii f'kull każ, il-konvenut Radojevic ma kellux jiġi eżonerat minn kull responsabbiltà; u

iv l-Ewwel Qorti ma kellhiex takkorda danni *arbitrio boni viri* favur l-attriċi, u dan peress li l-elementi meħtieġa għal tali likwidazzjoni huma nieqsa:

12. Min-naħa l-oħra, fl-appell inċidentali l-attriċi qajmet żewġ aggravji li huma dwar:

i Is-sejbien ta' responsabbiltà kontributorja fil-grad ta' 25% għad-danni mġarrba minnha; u

ii il-kap tal-ispejjeż, sa fejn l-Ewwel Qorti kkundannata tagħmel tajjeb għall-ispejjeż ġudizzjarji tal-konvenut Branko Radojevic;

13. Meħud kont tan-natura tal-kawża u l-aggravji hawn fuq riferuti, din il-Qorti ser tibda billi qabel xejn tqis dawk l-aggravji li huma dwar id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti fir-rigward tal-ispartizzjoni tar-responsabbiltà għall-akkadut bejn il-kontendenti, u ċioè l-ewwel aggravju tal-attriċi hekk kif ġie mqajjem fl-appell inċidentali, kif ukoll l-ewwel tliet aggravji li ġew imqajma fl-appell prinċipali tal-konvenuta GAP Limited;

14. L-**ewwel aggravju tal-appell inċidentali**, huwa dwar dik il-parti tad-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti li fiha qieset lill-attriċi parzjalment responsabbli għall-ħsara li ġarrbet hi stess, u dan fil-grad ta' kwart (25%).

F'dan ir-rigward, l-attriċi tissottometti li għalkemm il-konsiderazzjonijiet li straħet fuqhom l-Ewwel Qorti jirriżultaw mir-relazzjoni tal-perit tekniku, tali konklużjonijiet kienu ħżiena, u b'hekk l-Ewwel Qorti ma kellhiex issibha parzjalment responsabbli għal dak li ġara. Filwaqt li tikkontesta li ma kienx minnu li Frank Saliba (d-direttur tal-attriċi) applika s-*'SIKA latex' "fuq il-konkos eżistenti biex jaqbad is-saff ta' self-levelling grout li kellu jingħata wara"*; l-attriċi żżid tgħid li, f'kull każ, il-'kumment' tal-perit tekniku li Saliba *'ma kienx bniedem tekniku'* u li b'hekk kien hemm dubju dwar jekk dan applikax il-prodott imsemmi skont l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, ma kien xejn għajr assunzjoni soġġettiva u bla bażi. Marbut sfiq ma' dan, l-attriċi tinsisti li kuntrarjament għal dak li ġie mniżżel fil-konsiderazzjonijiet, Saliba kien applika s-*'SIKA Latex'* <u>qabel</u> ma ngħata s-saff tal-konkrit minn GAP, u dan biex iservi bħala *'bond'* bejn il-konkrit eżistenti fil-fabbrika u dak li kellu jiġi mqiegħed minn GAP. Barra minn hekk, l-attriċi tilmenta wkoll li l-perit tekniku żbalja meta qies li fattur ieħor li wassal għal dak li ġara kien għax l-attriċi naqset milli tidħol f'kuntratt bejn iż-żewġ kuntratturi, jew inkella għax ma qabditx kuntrattur wieħed li jkun jaf x'jirrikjedi x-xogħol mill-bidu sal-aħħar u jkun responsabbli għax-xogħol kollu. Tisħaq li għar-raġunijiet mogħtija minnha, hija ma kellhiex tort għal dak li ġara, u b'hekk l-Ewwel Qorti ma kellhiex tikkonkludi li kienet responsabbli bi kwart (25%) għall-ħsara mġarrba minnha;

15. Fuq xejra preliminari, il-konvenuta GAP Limited tirribatti li l-appell inċidentali tal-attriċi huwa *"irritu u null stante hemm inkonsistenza pależi bejn il-pożizzjoni assunta minnha fir-Risposta tal-Appell u dik assunta fl-Appell Inċidentali".* F'dan ir-rigward, GAP tgħid li filwaqt li fir-risposta tal-appell, l-attriċi talbet lil din il-Qorti biex tikkonferma l-ammont ta' €67,205.38 hekk kif likwidat mill-Ewwel Qorti; min-naħa l-oħra, fl-appell inċidentali l-attriċi qiegħda titlob varjazzjoni ta' dan l-istess ammont billi qed tikkontesta d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti fir-rigward tas-sejbien tan-negliġenza kontributorja fil-konfront tagħha. GAP tgħid li tali pożizzjonijiet huma 'irrikonċiljabbli' u jwasslu għan-'nullità tal-appell';

16. Sussidjarjament u fir-rigward il-mertu, GAP Limited tissottometti li l-Ewwel Qorti straħet fuq il-konklużjoni tal-perit tekniku u targumenta li 'f'kostatazzjonijiet fattwali ta' natura teknika', din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-fatti hekk kif magħmul mill-Ewwel Qorti, u dan aktar u aktar meta dawk il-kostatazzjonjiet ikunu kwistjonijiet tekniċi li ġew determinati minn perit tekniku u abbraċċjati mill-Ewwel Qorti. Fir-rigward tal-ilmenti marbuta mal-kostatazzjoni tal-perit tekniku li l-attriċi kkontribwiet għall-ħsara meta għażlet li ma tidħolx f'kuntratt bejn iż-żewġ kuntratturi jew inkella għax ma qabditx kuntrattur wieħed li jkun responsabbli għalkollox, GAP tgħid li tali argument ma ġiex addottat fis-sentenza tal-Ewwel Qorti, u b'hekk huwa għalkollox irrelevanti;

17. Ikkonsidrati l-argumenti kollha taż-żewġ naħat, din il-Qorti tibda biex twarrab l-Ewwel preġudizzjali ta' GAP Limited, u ċioè li l-appell inċidentali tal-kumpanija attriċi huwa irritu u null. Dwar dan, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet ta' ***Ronald Darmanin Kissaun v. Global Capital Financial Management Limited***, deċiża minn din il-Qorti fl-4 ta' Mejju 2022, u li fiha qalet hekk:[3]

> "Illi kif ingħad bosta drabi, f'materja ta' nullita` tal-atti – kwistjoni meqjusa bħala waħda odjuża għall-finijiet ta' amministrazzjoni ta' ġustizzja – kull nullita` għandha titqies dejjem bħala l-eċċezzjoni u mhux ir-regola. In-nullita` tal-atti hija sanzjoni estrema li l-liġi timponi biss meta n-nuqqas formali jew sostanzjali ma jkunx jista' jiġi assolutament tollerat bla ħsara għal xi prinċipju ta' ġustizzja proċedurali (App. Ċiv. 4.11.1991 fil-kawża fl-ismijiet *Vella v. Ċefai* (Kollez. Vol: LXXV.ii.467). Att ġudizzjarju għandu jitqies null biss għal raġunijiet gravi u serji fil-limiti tad-dispożizzjonijiet espressi tal-liġi. Fuq kollox, il-liġi tal-proċedura hija maħsuba biex il-kawżi jimxu b'ħeffa u effiċjenza, ekonomija u ħarsien tal-jeddijiet tad-difiża u tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali, u mhumiex maħsuba biex joħolqu ħtiġijiet purament formali li jservu biss biex jagħtu lil xi waħda mill-partijiet f'kawża mezz biex teħles mill-obbligi tagħha jew biex tirbaħ il-ħin. Kull partikolarita` li l-liġi trid li tkun "essenzjali" f'att ġudizzjarju trid tkun tali li n-nuqqas tagħha jxekkel serjament u rrimedjabbilment xi wieħed jew aktar mill-għanijiet leġittimi tal-liġi proċedurali hawn imsemmija (P.A. GCD 31.10.2008 fil-kawża fl-ismijiet *Vella et v.* Medserv Operations Limited*.*)"

18. B'applikazzjoni ta' dawn il-prinċipji għall-kwistjoni mqajma minn GAP Limited; din il-Qorti hija tal-fehma li r-raġunijiet mogħtija minn GAP, mhumiex gravi u serji biżżejjed biex iwasslu għas-sanzjoni estrema tan-nullità tal-appell inċidentali. Għalkemm huwa minnu li t-tweġiba għall-appell prinċipali, kif ukoll it-talba finali fl-appell inċidentali setgħu ġew mirquma aħjar, il-fatt jibqa' li anke fir-risposta għall-appell prinċipali, l-

[3] App. Ċiv. Nru. 323/14/1AF.

attriċi għamlitha ċara biżżejjed li ma kinitx qed taqbel mad-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti sa fejn imponiet fuqha 25% tar-responsabbiltà għal dak li ġara;

19. Barra minn hekk, huwa wkoll magħruf fil-ġurisprudenza li biex tintlaqa' eċċezzjoni bħal dik li ġiet imqajma minn GAP Limited, irid jintwera, li bin-'nuqqas' imsemmi minnha, hija spiċċat biex ġarrbet ħsara li ma tistax tissewwa mod ieħor, jekk mhux bit-tħassir tal-appell inċidentali. Fil-fehma tal-Qorti, GAP Limited, la ġarrbet u wisq anqas ma wriet li ġarrbet xi preġudizzju ta' din ix-xorta. Dan aktar u aktar meta jiġi kkonsidrat li f'dan il-każ, l-ammont likwidat ta' €67,205.38 u li fih jikkomprendi s-sejba ta' 25% fil-grad ta' responsabbiltà kontributorja tal-attriċi, lanqas biss ma għadu għadda f'ġudikat, u dan għaliex kienet propju GAP Limited stess li appellat minn dan l-ammont fir-raba' aggravju tal-appell prinċipali tagħha. Għaldaqstant, din il-Qorti ma tarax li l-appell inċidentali huwa null, u sejra għalhekk tgħaddi biex tqis il-mertu tal-ewwel aggravju tal-attriċi;

20. Rigward il-mertu tal-ewwel aggravju tal-attriċi, din il-Qorti titlaq biex tosserva li r-raġuni waħdanija għalfejn l-Ewwel Qorti kienet tal-fehma li l-attriċi għandha terfa' 25% tar-responsabbiltà għall-ħsara li ġrat kien propju għaliex dik il-Qorti: "***rat li mir-relazzjoni teknika jirrizulta illi s-socjetà attrici, tramite Frank Saliba, <u>applikat SIKA latex fuq il-</u>***

***konkos ezistenti biex jaqbad is-saff ta' self-levelling grout*, minflok ma qabbdet nies professjonali biex jaghmlu dan ix-xoghol.**" u "***il-Perit Tekniku ikkonsidra illi dan kien wiehed mill-fatturi li wasslu sabiex l-ahhar qoxra li giet applikata biex jigi invellat il-wicc tal-art tal-konkos tingala***". Kif tgħid tajjeb GAP Limited, l-Ewwel Qorti però ma qablitx mal-konklużjonijiet tal-perit tekniku sa fejn sab li l-attriċi kienet parzjalment responsabbli għal dak li ġara għaliex naqset milli tqabbad kuntrattur wieħed li jkun responsabbli mix-xogħlijiet kollha. Għaldaqstant, l-argumenti kollha li tressqu mill-attriċi sa fejn għandhom x'jaqsmu ma' din il-kostatazzjoni tal-perit tekniku li ġiet imwarrba mill-Ewwel Qorti huma għalkollox irrelevanti u tqajmu għal xejn b'xejn;

21. Magħdud dan, din il-Qorti però ma tarax li GAP Limited għandha raġun meta targumenta li din il-Qorti, bħala Qorti tat-Tieni Istanza, *"ma tiddisturbax l-apprezzament ta' fatti magħmul mill-Qorti tal-Prim Istanza, aktar u aktar meta wieħed ikun qed jitkellem dwar kwistjonijiet tekniċi".* Għalkemm huwa minnu li din il-Qorti ma tiddisturbax leġġerment l-apprezzament tal-fatti hekk kif magħmul mill-Ewwel Qorti, din il-Qorti għamlitha ċara kemm-il darba li bħala Qorti ta' reviżjoni, din il-Qorti mhux biss għandha s-setgħa, iżda d-dover li tagħmel apprezzament awtonomu tal-fatti u li tikkoreġi kull apprezzament ta' fatt li jidhrilha li jkun żbaljat. (Ara f'dan is-sens is-sentenzi fl-ismijiet ta': ***L-Inġinier Nehad Khalifa u Mohamed T.A. Khalifa v. Maria Anna Scicluna,*** deċiża minn din il-Qorti

fl-4 ta' Mejju 2022,[4] ***Maria Stella Calleja v. Brian Degorigio*** deċiża minn din il-Qorti fis-17 ta' Marzu 2022,[5] u ***Dottoressa Antoinette Cutajar v. L-Onor. Dott. Joseph Muscat***, deċiża minn din il-Qorti fl-14 ta' Diċembru 2018[6]). Barra minn hekk, u għalkemm huwa wkoll minnu li fi kwistjonijiet ta' materji tekniċi, il-Qorti ma twarrabx b'mod kapriċċjuż il-konklużjonijiet tal-perit tekniku; fl-istess waqt jiġi mfakkar li l-Qorti mhijiex marbuta li taċċetta dawk il-konklużjonijiet kontra l-konvinċiment tagħha, u speċjalment meta tirriżulta raġuni valida mill-atti;

22. Wara li qieset il-konsiderazzjoni relevanti tal-perit tekniku li straħet fuqha l-Ewwel Qorti, u li tirriżulta minn paragrafu 8(b) f'paġna 15 tar-relazzjoni teknika,[7] din il-Qorti hija tal-fehma li l-attriċi għandha tassew raġun meta tilmenta li l-applikazzjoni tal-prodott *'SIKA Latex'* minn Frank Saliba ma seta' qatt fil-fatt wassal biex *"l-aħħar qoxra li ġiet applikata biex jiġi invellat il-wiċċ tal-art tal-konkos tinqala"*;

23. Mill-assjem tal-provi jirriżulta li kien hemm tliet tipi ta' materjali li ġew imqiegħda fuq l-art inkwistjoni. Dawn kienu: (i) l-konkos li ġie mqiegħed mill-kumpanija konvenuta GAP Limited fuq l-art oriġinali tal-fabbrika; (ii) is-*'self-levelling grout'* li ġie mqiegħed minn Radojevic fuq il-wiċċ tal-konkos imqiegħed minn GAP, u dan sabiex jinvella dak il-wiċċ

[4] App. Ċiv. Nru. 216/17/1LM.
[5] App. Ċiv. Nru. 691/14/1MCH.
[6] App. Ċiv. Nru. 891/2014/1JRM.
[7] Fol. 129.

tal-konkos; u (iii) fl-aħħar nett is-saff tal-eposside li ġie mqiegħed minn Radojevic. Issa, kemm mill-konklużjonijiet tar-rapport tal-perit tekniku, kif ukoll mir-rapport tal-perit *ex parte* Jonathan Schembri, jirriżulta li l-problema fl-art inkwistjoni nħolqot kollha għaliex is-saff tas-*'self levelling grout'* beda jinqala' minn ma' wiċċ il-konkos li ġie mogħti mill-kumpanija GAP;[8]

24. Minn analiżi tal-atti proċesswali, din il-Qorti, ma jirriżultalhiex li Frank Saliba applika l-prodott tas-*'SIKA Latex'* fuq il-wiċċ tal-konkos li ġie mogħti minn GAP Limited u dan biex fi kliem il-perit tekniku *'jaqbad is-saff ta' self-levelling grout li kellu jingħata wara'.*[9] Għall-kuntrarju, tali prodott ġie applikat qabel ma ngħata l-konkos minn GAP. Kemm hu hekk, Jevon Gatt, impjegat ta' GAP, u li kien qed jieħu ħsieb ix-xogħlijiet tat-tqegħid tal-konkos fl-art tal-fabbrika tal-attriċi, xehed li: *"[k]ellna nagħtu il-konkos fuq il-konkos l-ieħor. Il-konkos kien lixx. Ġejna mogħtija dawn l-istruzzjonijiet biex nagħtu il-konkos fuq il-konkos l-ieħor mis-Sur Saliba, l-attur. Is-sur Saliba huwa l-klijent. Ftit qabel tajna l-konkos, is-Sur Saliba applika is-sika latex"*;[10]

---

[8] F'paragrafu 5 tal-konklużjoni tar-relazzjoni teknika, il-perit tekniku jgħid li *"Il-fattur prinċipali kien illi l-istess GAP ma ħarġux wiċċ lixx (bil-laser) tal-konkos, bir-riżultat illi kellu jiġi applikat saff addizzjonali ta' self levelling grout. Dan ħoloq il-problemi kollha'.* (Fol. 131). Similarment, fir-rapport tiegħu, l-Perit Schembri jikkonkludi li *"However, the most evident concern is the lack of adhesion between the in situ concrete slab and the locally applied self levelling screed applied by Mr. Radojevic, which in my opinion is causing the peeling off effect between the concrete and the epoxy covering. This is also being confirmed by laboratory test results".* (Ara 'Dok B' anness mar-rikors maħluf, fol. 7).
[9] Ara paragrafu (b) Fol. 129.
[10] Ara xhieda ta' Jevon Gatt, mogħtija waqt is-seduta tad-9 ta' Lulju 2014, fol. 166.

25. Fil-fehma tal-Qorti, jekk is-*'SIKA Latex'* ġie mogħti qabel ma' GAP tat il-konkos, allura s-*'SIKA Latex'* ta' bilfors spiċċa mirdum bil-konkos mogħti minn GAP, u konsegwentement, dak li qal il-perit tekniku u ċioè li s-*'SIKA Latex'* ingħata mis-Sur Saliba *"biex jaqbad is-saff ta' self-levelling grout",* huwa loġikament impossibbli u inkompatibbli mal-provi li hemm fl-atti. Barra minn hekk, u peress li mill-provi jirriżulta li dak li kien qiegħed jinqala' ma kienx is-saff tal-konkos li ġie mqiegħed minn GAP fuq l-art oriġinali tal-fabbrika, iżda kien is-saff tas-*'self levelling grout'* li tqiegħed fuq il-wiċċ tal-konkos mogħti minn GAP, allura jsegwi li mhuwa xejn probabbli li s-*'SIKA Latex'* li ġie applikat minn Saliba kien wieħed mill-fatturi li wasslu sabiex il-qoxra tas-*'self-levelling grout'* tinqala' minn ma' wiċċ tal-konkos li ġie mogħti minn GAP, u dan appuntu għax kien mirdum mill-konkos mogħti minn GAP;

26. Fid-dawl ta' dan kollu, din il-Qorti hija għalhekk tal-fehma li l-konsiderazzjoni tal-Ewwel Qorti li fuqha bbażat ir-responsabbiltà ta' 25% fuq l-attriċi hija fattwalment żbaljata, u b'hekk din il-Qorti qed tgħaddi biex tilqa' l-ewwel aggravju tal-appell inċidentali u tqis li l-attriċi m'għandhiex terfa' xi ħtija għax-xogħol ħażin li sar f'parti mill-art tal-fabbrika tagħha;

27. Stabbilit li l-attriċi m'għandha ġġorr l-ebda grad ta' responsabbiltà kontributorja, din il-Qorti sejra issa tgħaddi biex tqis l-ewwel tliet aggravji li ġew imqajma fl-appell prinċipali tal-konvenuta GAP Limited, u li lkoll

huma dwar id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti li teħles lill-konvenut Branko Radojevic minn kull responsabbiltà;

28. Fl-**<u>ewwel aggravju</u>**, GAP Limited tilmenta li l-Ewwel Qorti żbaljat meta laqgħet l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Branko Radojevic. Issemmi li l-eċċezzjoni prinċipali ta' Radojevic iddur mad-difiża li dak li ġara kien kollu konsegwenza tal-fatt li l-konkos imqiegħed minnha kien dgħajjef għaliex ma kienx tal-grad C-25. Tgħid li tali argument ta' Radojevic ġie miċħud mill-perit tekniku, u li kienet l-Ewwel Qorti stess li fis-sentenza appellata rrimarkat li *"il-Perit irrelata illi l-konkos imqiegħed minn GAP Limited ma tellax is-saħħa miftiehma ta' C25 iżda dan ma kienx il-fattur prinċipali tal-ħsarat li rriżultaw fl-art".* Tilmenta li l-Ewwel Qorti ma setgħetx min-naħa l-waħda taqbel mal-perit tekniku li l-kawża prinċipali tal-ħsarat kienet is-*'self-levelling grout'* li ġie applikat ħażin minn Radojevic, u fl-istess waqt tilqa' l-eċċezzjonijiet ta' Radojevic li jsostnu l-oppost;

29. Fit-**<u>tieni aggravju</u>** GAP Limited imbagħad targumenta li l-Ewwel Qorti żbaljat ukoll meta qieset li Radojevic kien qed jaġixxi bħala sub-appaltatur tagħha, u dan fit-tqegħid tas-*self-levelling grout.* Issostni li l-fatt li hija ħallset għall-materjal tas-*'self-levelling grout'* ma jwassalx għall-ħolqien ta' xi relazzjoni ta' sub-appalt bejnha u bejn Radojevic, u f'dan ir-rigward tfakkar li dan tal-aħħar ma ppretenda l-ebda ħlas mingħandha u

b'hekk l-elementi preskritti bl-Artikolu 1623 tal-Kap. 16 lanqas ma ġew sodisfatti. Tgħid ukoll li Radojevic ma jsemmi mkien li hu kien ġie mqabbad minnha sabiex jagħti s-*'self-levelling grout'* u tinsisti li huwa evidenti li dan qabad u applikah minn jeddu bħala parti mix-xogħol li kien qed iwettaq sabiex issir l-*'epoxy flooring'*. B'żieda ma' dan kollu, il-konvenuta GAP Limited tgħid li l-ħsarat fl-art ma sarux għax il-konkos ma ġiex invellat sew minnha, iżda għaliex is-*'self-levelling grout'* ma ġiex imqiegħed skont is-sengħa u l-arti minn Radojevic. Targumenta li kieku s-*'self-levelling grout'* sar sew, dan ma kienx ifalli, u llum ma konniex ser inkunu hawn qed niddibattu din il-kawża. Fuq is-saħħa ta' dan targumenta li l-*'causa prossima'* tal-ħsarat kienet it-tqegħid ħażin tas-*'self-levelling grout'* minn Radojevic u konsegwentement hija ma kellhiex twieġeb għat-tqegħid ħażin ta' dan il-materjal li ma ġiex imqiegħed minnha. Tgħid li minħabba f'hekk, l-Ewwel Qorti ma kellhiex issibha responsabbli għax-xogħol ħażin imwettaq mill-istess Radojevic, u targumenta li dan kollu mhuwiex xi dettall żgħir, għaliex kemm-il darba s-sentenza tal-Ewwel Qorti tiġi konfermata, allura hija ser ikollha azzjoni ta' rivalsa kontra Radojevic;

30. Fit-**<u>tielet aggravju</u>**, GAP Limited imbagħad tgħid li f'kull każ l-Ewwel Qorti ma kellhiex teżonera lil Radojevic minn kull responsabbiltà. Targumenta li anke jekk l-Ewwel Qorti kienet tal-fehma li ma kien hemm l-ebda rapport kontrattwali bejn l-attriċi u l-konvenut Radojevic fit-tqegħid

tas-*'self-levelling grout',* xorta waħda dan ma kellux iwassalha biex tikkonkludi li ma kien hemm l-ebda rapport ġuridiku bejniethom. Tgħid li ġaladarba x-xogħol imwettaq minn Radojevic sar ħażin u kkawża ħsara lill-attriċi, allura dan kellu jwieġeb akkwiljanament fil-konfront tas-soċjetà attriċi u dan bis-saħħa tad-dispost tal-Artikolu 1031 tal-Kap. 16. Tagħlaq billi tgħid li l-argumenti tagħha mhumiex merament akkademiċi u tispjega li s-sejbien ta' responsabbiltà diretta tal-istess Radojevic fil-konfront tal-kumpanija attriċi jevita l-ħtieġa għall-eventwali azzjoni ta' rivalsa min-naħa tagħha fil-konfront ta' Radojevic, u dan bil-benefiċċju tal-ekonomija tal-ġudizzju;

31. Filwaqt li bħalma diġà ngħad aktar kmieni, l-attriċi ma ħaditx xi pożizzjoni partikolari favur jew kontra l-ewwel tliet aggravji tal-konvenuta GAP Limited; min-naħa l-oħra, fir-risposta għall-appell prinċipali, il-konvenut Radojevic spejga fid-dettall għalfejn l-ewwel tliet aggravji fl-appell prinċipali ta' GAP mhumiex siewja u għandhom jiġu miċħuda fis-sħiħ tagħhom;

32. Wara li qieset l-argumenti kollha tal-partijiet relatati mal-ewwel tliet aggravji tal-appell prinċipali ta' GAP Limited, din il-Qorti jidhrilha li GAP Limited għandha tassew raġun meta tgħid li l-Ewwel Qorti żbaljat hekk kif ikkonkludiet li Radojevic kien qed jaġixxi bħala sub-kuntrattur tagħha, meta ġie biex iqiegħed is-*'self-levelling grout'*;

33. Għalkemm fir-risposta għall-appell prinċipali, l-appellat Radojevic qiegħed jiddefendi s-sentenza tal-Ewwel Qorti u jgħid li huwa kien ġie mqabbad minn GAP Limited biex iqiegħed is-'*self levelling grout'* u b'hekk kien tassew sub-kuntrattur tagħha; dawn l-argumenti ta' Radojevic huma però kontradittorji għal dak li xehed hu stess in kontroeżami fis-seduta tat-28 ta' Ġunju 2021, u li fiha kien wieġeb hekk:

> *"Avv Michael Tanti Dougall: You don't know. When you went on site and you found these depressions in the concrete level before you applied Sika, did you contact GAP Limited on the relative works? Did you contact GAP Limited to tell them why there were so many depressions?*
>
> *Witness:* ***My sole relation was to Mr. Saliba. Since he was the Project Manager of the site and he had organised the meeting with the GAP because I had no relation to what is worth with GAP Limited*** *so I contact Mr Saliba and Mr Saliba had organised the meeting between, with me and GAP Limited and himself and then the answers were, sort of, questions whatever."*[11]
>
> *<omissis>*
>
> *Avv. Mario DeMarco: am I also right in saying that it was not your responsibility to lay the self-laying once you discovered that the depressions in the concrete but you ended up laying it out of courtesy to Mr Saliba because he did not have or GAP did not have people to lay it*
>
> *Witness – apart from people, there were also machines and to grained (sic) the floor to apply. That is correct Dr. DeMarco.*
>
> *Avv. Mario DeMarco – And you also did this at no cost to Mr. Saliba?*
>
> *Witness –* ***Absolutely. As a gesture of goodwill because Mr. Saliba was repeated client and we were just simply trying to help him out. This I think it was the fourth or fifth I don't know by hand but it was job after job, we were working with him for years****".*[12]

[11] Fol. 762.
[12] Fol. 766.

34. Fil-fehma tal-Qorti, li kieku tassew kien hemm xi relazzjoni ta' sub-appalt bejn Radojevic u GAP Limited, Radojevic żgur li ma kienx ser iwieġeb bil-mod ta' kif wieġeb waqt is-seduta tat-28 ta' Ġunju 2021. Minn kif jidher mill-estratti hawn fuq riprodotti, Radojevic kien kategoriku u mhux biss enfasizza li ma kellu l-ebda relazzjoni ma' GAP Limited, iżda insista wkoll li l-unika relazzjoni li kellu kienet biss mas-Sur Saliba li huwa d-direttur tal-kumpanija attriċi. Barra minn hekk, Radojevic fisser ukoll li r-raġuni għalfejn huwa kien applika s-*'self levelling grout'* kien 'bi pjaċir' lis-Sur Saliba għaliex dan kien klijent regolari tiegħu u mhux għaliex ġie nkarigat minn GAP Limited. Fil-fehma tal-Qorti, dan huwa biżżejjed biex jeskludi li Radojevic kien qed jaġixxi bħala sub-kuntrattur ta' GAP u konsegwentement din il-Qorti qed tilqa' t-tieni aggravju ta' GAP Limited sa fejn għandu x'jaqsam ma' dan;

35. Stabbilit li Radojevic ma kienx qiegħed jaġixxi bħala sub-kuntrattur ta' GAP Limited, u li mhux biss kien konxju li l-art ma kinitix invellata sew, anzi kien huwa stess li aċċetta minn jeddu li jqiegħed is-*'self-levelling grout'* biex jikkoreġi l-wiċċ tal-art sabiex eventwalment ikun jista' jagħti s-saff tal-eposside; Radojevic kien b'hekk qiegħed jerfa' fuq spallejh ir-responsabbiltà għal dak ix-xogħol, u dan irrispettivament mill-fatt li l-inkarigu oriġinali tiegħu kien biss biex iqiegħed il-wiċċ tal-eposside. F'dawn iċ-ċirkustanzi, Radojevic kien għalhekk obbligat li jeżegwixxi x-

xogħlijiet skont is-sengħa u l-arti anke fit-tqegħid tas-*'self levelling grout',* u dan għaliex minn kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet ta' ***George Spiteri nomine v. Peter Paul Testaferrata Moroni Viani****,* deċiża minn din il-Qorti fid-9 ta' Jannar 2009,[13] kull appaltatur *'[g]ħandu l-obbligu li jara li dan ix-xogħol ikun sejjer isir utilment u mhux b'mod li l-quddiem juri difetti".* Barra minn hekk, u bħalma ntqal fis-sentenza fl-ismijiet ta' ***Christine Saliba et v. Emanuel Briffa***,[14] fil-każ ta' persuna tas-sengħa li titqabbad tkompli fuq xogħol li beda ħaddieħor, *"mhix skużanti l-allegazzjoni tal-konvenut li huwa mexa fuq dak li sab",* u li dan ir-raġunament jaqbel mal-ħsieb ġuridiku li l-appaltatur għandu l-obbligu "*di resistere ad ordini che egli vedesse pregiudizievoli alla solidita` e ċentrali alle buone regole dell' arte"* (Vol. XXV.i.727);

36. Applikat dan kollu għall-każ tal-lum, jekk Radojevic ma setax japplika s-saff tal-eposside għaliex il-wiċċ tal-konkos mogħti minn GAP Limited ma kienx invellat sew, u fl-istess waqt ma riedx li jassumi r-responsabbiltà tat-tqegħid tas-*'self-levelling grout'* fuq il-wiċċ tal-konkos diżlivellat, Radojevic kellu jirrifjuta li jaħdem u dan sakemm il-wiċċ tal-konkos ikun fi stat tajjeb biex ikun jista' japplika fuqu l-eposside. Hekk kif Radojevic qiegħed is-'*self-levelling grout,'* huwa refa' r-responsabbiltà għal kwalunkwe difett li seta' jirriżulta minn xogħlu, u b'hekk ma jistax jinħeba wara GAP Limited;

[13] App. Ċiv. Nru. 852/1994/1.
[14] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' Marzu, 2003 (Ċit. Nru. 937/1993/1PS).

37. Għalkemm Radojevic jinsisti li huwa wettaq xogħlu skont is-sengħa u l-arti; mill-provi, u partikularment mir-relazzjoni teknika tal-perit tekniku, irriżulta li s-saff tas-*'self-levelling grout'* li ġie mqiegħed minnu, ma ġiex applikat sew, tant li fi kliem il-perit tekniku *"iddistakaka mill-konkos mogħti minn GAP Ltd"*, u wassal biex il-wiċċ tal-art "*jitla' u jintefaħ*".[15] Għalkemm Radojevic ikkritika dawn il-konklużjonijiet tal-perit tekniku, dan però naqas milli jitlob il-ħatra ta' periti addizzjonali sabiex jikkuntrasta l-konklużjonijiet tal-perit tekniku, u fid-dawl ta' dan, din il-Qorti ma tarax li hemm xi raġuni għalfejn għandha twarrab din il-konklużjoni tal-perit tekniku. (Ara f'dan is-sens is-sentenza fl-ismijiet ta' ***Asset Investments Limited v. Awtorità tad-Djar*** deċiża minn din il-Qorti fit-13 ta' Ottubru 2022,[16] u ***Louis Baldacchino v. Perit AIC Stephen Farrugia,*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-15 ta' Lulju 2022,[17] u l-ġurisprudenza hemm ċitata). Wara kollox, dak li qal il-perit tekniku ġie mtenni wkoll mill-perit *ex parte* Jonathan Schembri, li wara li spezzjona l-art inkwistjoni u bagħat xi kampjuni għat-testijiet fil-laboratorju, ikkonkluda wkoll li *"ġie applikat is-self levelling screed, u ma ġietx applikat tajjeb"*;[18]

38. Ġaladarba li mill-atti jirriżulta li x-xogħol ħażin ta' Radojevic kien fattur li wassal għall-ħsarat fl-art fil-fabbrika tal-attriċi; allura din il-Qorti

[15] Ara konklużjonijiet tar-relazzjoni teknika tal-perit tekniku; Fol. 130 u 131.
[16] App. Ċiv. 213/11/1MCH.
[17] Rik Nru. 41/2016CFS.
[18] Ara xhieda tal-Perit Jonathan Schembri, mogħtija quddiem il-perit tekniku fit-28 ta' Mejju 2012, Fol. 141-143.

ma tistax taqbad u teżenta lil Radojevic minn kull responsabbiltà, u għalhekk qed tilqa' l-aggravji ta' GAP Limited sa fejn kompatibbli ma' dan;

39. Madanakollu, dan ma jfissirx li Branko Radojevic għandu jerfa' r-responsabbiltà kollha waħdu bħalma qed tippretendi GAP Limited. Fil-fehma tal-Qorti, daqskemm naqas il-konvenut Radojevic meta ma applikax tajjeb is-*'self-levelling grout'*, daqstant ieħor naqset GAP Limited fit-twettiq tal-eżekuzzjoni tax-xogħlijiet tagħha. Mill-atti jirriżulta li GAP Limited mhux biss ġiet inkarigata mill-attriċi biex tqiegħed wiċċ tal-konkos tal-grad ta' 'C-25', ħaġa li naqset milli tagħmel, iżda wkoll kienet ġiet imqabbda li tinvella l-wiċċ tal-konkos b'*laser.* Dan mhux biss ġie osservat fil-konsiderazzjonijiet tar-relazzjoni teknika,[19] iżda wkoll intqal minn Frankie Saliba li huwa d-direttur tal-kumpanija attriċi,[20] u fl-aħħar mill-aħħar ġie kkonfermat minn Jevon Gatt, impjegat ta' GAP.[21] Minkejja li ġie maqbul hekk, GAP Limited però marret lura minn dak miftiehem, u fil-fatt Jevon Gatt, li kien qed jieħu ħsieb l-għoti tal-konkos minn GAP fl-art tal-fabbrika tal-attriċi ammetta li *"I confirm that I chose to ignore the instruction of regarding checking the leveling with a laser level."*[22] Dan tal-aħħar imbagħad ikkonferma wkoll li l-art tal-konkos li ġiet mogħtija minn GAP Limited ma kinitx invellata sew u qal li: *"I confirmed that the*

[19] Ara relazzjoni teknika, Fol. 126.
[20] Ara xhieda ta' Frankie Saliba, mogħtija waqt is-seduta li nżammet quddiem il-perit tekniku fil-15 ta' Ottubru 2012, fol. 145.
[21] Ara xhieda ta' Jevon Gatt, mogħtija waqt is-seduta li nżammet quddiem il-perit tekniku fit-22 ta' Ġunju 2015, fol. 180.
[22] Id.

*levels were not good enough. I could see that the concrete was not level, with depressions"*;[23]

40. Marbut sfiq ma' dan, fir-relazzjoni teknika, il-perit tekniku kkonkluda li *"x-xogħol imwettaq minn GAP Limited fil-fabbrika A25B, Industrial Estate il-Marsa* ***ma sarx skont is-sengħa u l-arti****,* ***u kien il-kaġun prinċipali tal-ħsarat li rriżultaw fl-art tal-istess fabbrika****".*[24] Fl-istess konklużjoni, il-perit tekniku reġa' mbagħad ikkonferma kif in-nuqqasijiet fix-xogħol ta' GAP Limited wasslu biex l-attriċi sofriet danni u tenna li ***"[i]l-fattur prinċipali kien illi l-istess GAP ma ħarġux b'wiċċ lixx (bil-laser) tal-konkos****, bir-riżultat li kellu jiġi applikat saff addizzjonali ta' self levelling grout. Dan ħoloq il-problemi kollha"*.[25] Il-perit tekniku, imbagħad reġa' kkonferma dan kollu fl-eskussjoni li saritlu fis-seduta tat-22 ta' Frar 2017, u fil-fatt meta ġie mistoqsi: *"[i]ssa l-konklużjoni tiegħek, ħa mmorru għal dik li inti ddebitajt bħala responsabiltà lil min qiegħed il-konkos. Inti qed tgħid li kieku l-konkos tqiegħed lixx, up to specs, ma kienx ikun hemm għalfejn isir is-self-levelling u l-problema ma kinitx tinħoloq",* il-perit tekniku wieġeb *"[e]żattament. Mill-esperjenza tiegħi ma kinitx tinħoloq".*[26]

41. Meħud dan kollu inkonsiderazzjoni, fil-fehma tal-Qorti hemm biżżejjed provi fl-atti li juru kif GAP Limited lanqas ma wettqet l-inkarigu

---

[23] Id.
[24] Fol. 130.
[25] Fol. 131.
[26] Fol. 299.

tagħha skont is-sengħa u l-arti, u li konsegwentement ma tistax tistenna li l-Ewwel Qorti kellha tiċħad it-talbiet tal-attriċi sa fejn ġew diretti fil-konfront tagħha. Fil-fehma tal-Qorti, daqskemm il-problema x'aktarx ma kinitx ser tinħoloq li kieku Branko Radojevic applika s-*'self-levelling grout'* kif suppost, daqstant ieħor il-problema ma kinitx ser tinħoloq li kieku GAP Limited wettqet l-inkarigu tagħha skont is-sengħa u l-arti u nvellat l-art bil-*laser*, kif wara kollox ġiet imqabbda li tagħmel. Fid-dawl ta' dan kollu, din il-Qorti hija għalhekk tal-fehma li l-konvenuti Branco Radojevic u GAP Limited għandhom jagħmlu tajjeb għall-ħsarat li ġew imġarrba mill-attriċi, u dan f'sehem ugwali (50%-50%);

42. Meqjusa l-aggravji kollha sa fejn għandhom x'jaqsmu mal-ispartizzjoni tar-responsabbiltà bejn il-kontendenti, din il-Qorti sejra issa biex tqis ir-raba' aggravju li ġie mqajjem fl-appell prinċipali ta' GAP Limited u li huwa dwar il-likwidazzjoni tad-danni;

43. Fir-**<u>raba' aggravju</u>** GAP Limited tilmenta minn dawk id-danni li ġew likwidati mill-Ewwel Qorti fuq bażi ta' *arbitrio boni viri,* u dan għar-raġuni li skont l-appellanti, ma kinux jikkonkorru l-elementi meħtieġa għal tali likwidazzjoni. Filwaqt li tagħmel referenza għall-ġurisprudenza, targumenta li l-likwidazzjoni ta' danni bil-mezz ta' *arbitrio boni viri* hija biss permissibbli f'ċirkustanzi eċċezzjonali fejn il-likwidazzjoni ta' kumpens ma tkunx waħda faċli u dan bħala forma ta' reintegrazzjoni simbolika meta r-

reintegrazzjoni effettiva ma tkunx faċilment possibbli. Targumenta li mis-sentenza appellata stess jirriżulta li dan ma kienx xi każ ta' danni li diffiċilment setgħu jiġu ppruvati, iżda kien każ fejn l-attriċi, bi ħtija tagħha, naqset milli tipproduċi l-provi li kellhom jiġu preżentati minnha mingħajr l-ebda diffikultà. Tgħid li l-Ewwel Qorti ma kellhiex tintervjeni biex tagħmel tajjeb għan-nuqqasijiet tal-attriċi u minflok kellha tapplika l-prinċipju ta' *actore non probante reus absolvitur* u tiċħad il-kap tat-talba fuq nuqqas ta' provi. Fuq dawn l-argumenti GAP Limited talbet lil din il-Qorti biex tvarja wkoll sentenza appellata billi *"tiċħad għal kollox dawk id-danni li l-Ewwel Onorabbli Qorti illikwidat arbitrio boni viri"*;

44. Fir-risposta għall-appell prinċipali, il-konvenut Radojevic qabel ma' dan l-aggravju u bħal GAP Limited saħaq li l-attriċi naqset milli tissostanzja r-reklam tad-danni b'mod sodisfaċenti u dan minkejja li setgħet tagħmlu faċilment. Jaqbel li l-mezz tal-likwidazzjoni *arbitrio boni viri* għandha tiġi kkonsidrata biss *"meta jkun diffiċli għall-attur li jipprova bil-mezzi ordinarji d-danni li huma effettivament ikun sofra"*, u jsemmi li l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah, u li għandha tinġieb l-aħjar prova. B'żieda mal-argumenti ta' GAP Limited, isemmi wkoll li l-prospett tad-danni tal-attriċi huwa bbażat fuq assunzjonijiet li ġew magħmula mill-kontabbli tal-kumpanija Jason Schembri, u tali assunzjonijiet ma jistgħux jiġu meqjusa għall-fini tal-kalkoli ta' telf reali;

45. Min-naħa l-oħra, l-attriċi ma taqbel xejn mar-raba' aggravju tal-appell prinċipali. Tgħid li l-Ewwel Qorti ħassitha komda biżżejjed biex tillikwida somma *arbitrio boni viri* fuq il-konsiderazzjoni li: *"...illi ġaladarba jirriżulta pruvat illi kien hemm partijiet mill-fabbrika illi ma setgħux jintużaw minħabba d-difett fl-art ikkawżat minn GAP Limited, hija konsegwenza loġika illi s-soċjetà attriċi ma setgħetx twettaq l-ordnijiet kollha li normalment kienet twettaq meta setgħat tuża l-magni kollha li kella".* Targumenta wkoll li l-likwidazzjoni ta' kumpens ma kienx wieħed faċli u li l-Ewwel Qorti waslet għal reintegrazzjoni simbolika wara li r-reintegrazzjoni effettiva ma kinitx faċilment possibbli *"riżultanti mit-tentattivi li appuntu saru mill-konvenut biex jimminaw l-evidenza li tressqet mis-soċjetà esponenti [!]"*;

46. Qabel ma' tindirizza l-argumenti tal-partijiet, din il-Qorti tibda biex tirribadixxi li filwaqt li huwa minnu li hemm ġurisprudenza fis-sens li meta jkun diffiċli li jiġu likwidati d-danni, il-Qorti tista' tipproċedi għal-likwidazzjoni fuq bażi ta' *arbitrio boni viri*, (ara pereżempju, is-sentenzi fl-ismijiet ta' ***Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma v. John Mary Caruana et.***, deċiża mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fl-20 ta' Novembru 2009,[27] u ***Anthony Mifsud et. v. Victor Calleja et.*** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fid-9 ta' Jannar 2008[28]); min-naħa l-oħra, kif intqal minn din il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet ta' ***Nicole Mairangas v. HSBC Bank Malta***

[27] App. Ċiv. Nru. 266/2003/2PS.
[28] App. Ċiv. Nru. 354/2003/1PS.

**plc**:[29] - *"irid però, dejjem jiġi muri li, fil-fatt, ġew sofferti danni. Skond il-liġi, id-danni jridu jkunu reali u "l-effett immedjat u dirett tan-nuqqas ta' l-obbligazzjoni" (Artikolu 1137 tal-Kodiċi Ċivili). Fi kliem ieħor, qabel ma l-Qorti tgħaddi biex tillikwida d-danni, anke ex aequo et bono, irid jirrizulta effettivament li kien hemm danni, għax altrimenti l-Qorti tkun qed takkorda danni morali. Fil-fatt, kif osservat il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża appenna ċitata, il-poter diskrezzjonali tal-Qorti li tillikwida d-danni ex aequo et bono, ma jfissirx li min jallega ħsara m'għandux juri telf."* (Ara wkoll f'dan is-sens, is-sentenza fl-ismijiet ta' ***Salvatore Coppola et. v. Girolamo Busuttil,*** deċiża minn din il-Qorti fis-27 ta' Marzu 2015).[30] Bl-istess mod, fis-sentenza fl-ismijiet ta' ***Peter Axisa nomine v. John Debono***,[31] din il-Qorti għamlet tagħha dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet ta' ***Joseph Muscat et. v. Alfred Baldacchino et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-8 ta' Jannar 2016, u li fiha ntqal li: *"Il-Qorti tillikwida d-danni arbitrio boni viri meta jkun impossibbli għall-attur li jressaq il-provi preċiżi dwar l-entità tagħhom u mhux meta jonqos li jressaq il-provi dwarhom".* Fuq l-istess ħsieb, fis-sentenza fl-ismijiet ta' ***Edward Engerer v. Richard Attard et.***, deċiża fis-27 ta' Settembru 2019,[32] din il-Qorti qalet ukoll li l-likwidazzjoni fuq bażi ta' *arbitrio boni viri* ssir *"mhux biex qorti tissuplimenta għan-nuqqas tal-parti li tippretendi l-likwidazzjoni milli twettaq id-dmir tagħha li tipprova l-każ tagħha sal-grad meħtieġ (App. Ċiv.*

[29] App. Ċiv. Nru. 418/2004/1, deċiża fit-3 ta' Ottubru, 2008.
[30] App. Ċiv. Nru. 1171/2007/1.
[31] App. Ċiv. Nru. 247/1994/1.
[32] App. Ċiv. Nru. 728/2000/1.

*27.10.2017 fil-kawża fl-ismijiet Mizzi Home Furnishings Ltd. et vs Italgreen SpA), imma sewwasew għaliex dik il-parti ma tkunx f'qagħda li tikkontrolla u ġġib il-provi meħtieġa (App. Ċiv. 29.4.2016 fil-kawża fl-ismijiet Wilhelmina Abela noe et vs Alex Ċiantar et)."*;

47. Applikati dawn il-prinċipji għall-fatti tal-każ tal-lum, din il-Qorti tħoss li r-raba' aggravju ta' GAP Limited huwa siewi, u dan għat-tliet kapijiet ta' danni li ġew likwidati mill-Ewwel Qorti fuq il-bażi ta' *aribtrio boni viri*, u li huma konsistenti: (i) f'telf ta' qligħ bejn is-snin 2009 u 2010; (ii) f'kera li tħallset għalxejn fis-snin 2009 u 2010 fuq dik il-parti tal-fabbrika li ma setgħetx tintuża minħabba d-difetti fl-art; u (iii) f'pagi tal-ħaddiema li skont l-attriċi tħallsu għalxejn għax ma ħadmux '*at full capacity'* u dan ukoll għas-snin 2009 u 2010;

48. Wara li eżaminat bir-reqqa l-prospett tad-danni kif miġjub mill-kumpanija attriċi,[33] kif ukoll wara li xtarret l-argumenti kollha miġjuba mir-rappreżentanti tal-attriċi, u partikularment dawk ta' Jason Schembri li kien direttament involut fil-kumpilazzjoni ta' dan il-prospett, din il-Qorti tosserva li l-argumenti kollha tal-attriċi jistrieħu fuq il-premessa li għas-snin 2009 u 2010, l-attriċi rreġistrat tnaqqis fid-dħul mis-'*sales'* tal-prodotti: (i) *'Foster Clark Vanilla Tubes and Lids',* (ii) *'Foster Clark Screw Caps',* (iii) *'Foster Clark Reclosures',* u (iv) *'Sealing Containers',* u dan

[33] Fol. 524 – 629.

f'persentaġġi ta' 9.61% għas-sena 2009, u 47.48% għas-sena 2010. L-attriċi tgħid li dan it-tnaqqis kien dovut għar-raġuni li dawn il-prodotti kienu jinħadmu f'dik il-parti tal-fabbrika li fiha saru x-xogħlijiet difettużi mill-konvenuti, u minħabba f'hekk il-magni li kien hemm f'dik it-taqsima ma setgħux jintużaw, u dan bil-konsegwenza li spiċċat waqgħet lura fil-produzzjoni, u l-kumpanija *Foster Clarks* bdiet tikkanċella l-ordnijiet. Jargumentaw ukoll li konsegwenza ta' hekk, ir-relazzjoni ma' *Foster Clarks* ma baqgħetx tajba bħalma kienet qabel, u *Foster Clarks* ma baqgħetx tordna aktar xogħol bħal qabel;

49. Meqjus dan kollu, għalkemm huwa minnu li minn 'Dokument JS3'[34] jirriżulta li għas-snin 2009 u 2010, l-attriċi kellha tassew tnaqqis fid-dħul mill-bejgħ tal-erba' prodotti li ġew imniżżla f'dak id-dokument u msemmija fil-paragrafu ta' qabel dan, u dan meta mqabbel mal-medja tad-dħul mill-bejgħ li kellha l-attriċi fir-rigward l-istess prodotti għas-snin 2008 u 2011; din il-Qorti hija tal-fehma li, l-attriċi naqset milli turi kif dan it-tnaqqis fil-bejgħ kien <u>effett immedjat u dirett</u> tax-xogħlijiet difettużi tal-konvenuti f'parti mill-art tal-fabbrika li fuqha kienu jiġu manifatturati dawn il-prodotti;

50. Fil-fehma tal-Qorti, biex il-prova dwar it-tnaqqis tad-dħul mill-bejgħ kienet tkun determinanti, l-attriċi kellha l-ewwel u qabel kollox tipprova li qabel ma ġara dan kollu, u ċioè għas-snin ta' qabel is-sena 2009, il-

[34] Fol. 539.

kumpanija *Foster Clarks* kienet ta' kull sena, tordna dawk l-erba' prodotti fi kwantitajiet li huma bejn wieħed u ieħor konsistenti. Għalkemm din il-prova ma kinitx diffiċli biex tinġieb mill-attriċi, l-attriċi però naqset milli tressaq din il-prova. Fin-nuqqas, ta' din il-prova, din il-Qorti ma tistax taqbad u tassumi li qabel ma ġara dan kollu, l-attriċi kellha xi dħul konsistenti minn dawn l-erba' prodotti;

51. Fit-tieni lok, anke li kieku stess l-attriċi ppruvat li *Foster Clarks,* kienet ta' kull sena, tordna kwantità konsistenti ta' dawk l-erba' prodotti (ħaġa li m'għamlitx); l-attriċi xorta waħda kellha l-oneru li tipprova li t-tnaqqis fid-dħul mill-bejgħ tal-erba' prodotti msemmija minnha, kien direttament dovut għaliex parti mill-fabbrika ma setgħetx tiġi wżata minħabba l-ħsarat fl-art. Fil-fehma tal-Qorti, l-attriċi wkoll naqset milli tagħmel dan, u dan għal diversi raġunijiet;

52. F'dan ir-rigward, mill-provi jirriżulta li l-ħsarat fl-art tal-fabbrika ma rriżultawx mil-lum għal għada, iżda wara ċertu żmien. L-*invoice* li ġiet maħruġa lill-attriċi minn Branko Radojevic u li hija datata 3 ta' Ottubru 2009, tindika li tal-anqas sa dik id-data, ix-xogħlijiet fl-art fil-fabbrika tal-attriċi kienu lesti.[35] Mix-xhieda ta' Radojevic li ġiet mogħtija waqt is-seduta tal-14 ta' Ottubru 2020, jirriżulta li kien wara xi madwar <u>sitt xhur</u> li s-Sur Saliba bagħat għalih għaliex kien sab xaqq fl-art.[36] Radojevic

[35] Ara Dok. BRX2, fol. 275.
[36] Fol. 735.

spejga li dak ix-xaqq kien ta' xi ċirka 20-30 ċentimetru u kien ħdejn il-magna bin-numru 4 li tidher fil-pjanta f''Dok Ċ'.[37] Radojevic spjega wkoll li huwa kien irranġa dak ix-xaqq u saħaq li x-xogħlijiet tiegħu bl-ebda mod ma tellfu l-operat tal-makkinarju.[38] Mit-tali xhieda rriżulta wkoll li xi tliet xhur wara, is-Sur Saliba kien reġa' bagħat għalih għaliex kien hemm xaqq ieħor bejn il-partijet Ċ u D kif indikati fil-pjanta 'Dok Ċ.'[39] Apparti li qal li kien irranġa dan ix-xaqq, reġa' tenna li kemm l-ewwel darba li mar, kif ukoll dik id-darba, il-makkinarju tal-fabbrika kien qed jaħdem.[40] F'dik is-seduta, Radojevic qal ukoll li meta sussegwentement irriżultaw problemi fil-partijiet D u A li jidhru fuq il-pjanta 'Dok Ċ', huwa kien avża lil Saliba biex jirranġa l-konkrit ta' taħt u wara kien jerġa' jagħmillu wiċċ tal-eposside.[41] Spjega wkoll li l-akbar ħsarat kienu jidhru fil-parti 'D' li kienet passaġġ u li fiha ma kienx hemm magni;

53. Din il-Qorti ma tarax għalfejn m'għandhiex temmen lil Radojevic, u dan għaliex ix-xhieda tiegħu hija in sintonija mal-provi l-oħra li hemm fl-atti. Pereżempju, il-fatt li l-ħsarat ma feġġewx eżatt kif tlestew ix-xogħlijiet u li feġġew gradwalment tant li Radojevic kien l-ewwel mar jirranġa parti mill-wiċċ tal-art, hija korroborata mill-affidavit ta' Derek Paul Saliba, li jiġi t-tifel ta' Frank Saliba, li huwa d-direttur u l-azzjonist tal-kumpanija

[37] Fol. 659.
[38] Fol. 736.
[39] Fol. 659.
[40] Fol. 736.
[41] Fol. 737.

attriċi.[42] Barra minn hekk, mhuwiex ta' ftit importanza l-fatt li fl-istess affidavit Derek Paul Saliba jgħid li *"[w]ara li rajna li kien għadda biss ftit żmien u x-xogħol beda jinqala ndunajna li kien hemm xi ħaġa ħażina u qabbadna perit sabiex jeżamina l-art u dan irriżultalu li kemm l-art tal-konkrit u kif ukoll it-tqegħid tal-wiċċ tal-eposside ma sarux skont is-sengħa u l-arti".* F'dan ir-rigward mir-rapport tal-Perit Jonathan Schembri,[43] u li huwa l-Perit li jirreferi għalih Saliba fl-affidavit, jirriżulta li dan tal-aħħar kien aċċeda fil-fabbrika fit-22 ta' Ġunju 2010, u li t-testijiet fuq il-konkrit saru ftit tal-ġranet wara;[44]

54. Meħud dan kollu inkonsiderazzjoni, jekk skont Derek Paul Saliba, l-attriċi bagħtet għall-perit meta ndunat li kien hemm xi ħaġa ħażina fl-art, u mill-atti jirriżulta li l-perit aċċeda fil-post fit-22 ta' Ġunju 2010, allura jirriżulta li wisq probabbli, il-ħsarat maġġuri fl-art tal-fabbrika tal-attriċi kienu għadhom ma tfaċċawx qabel Ġunju 2010. Jekk il-maġġoranza tal-ħsarat fl-art tfaċċaw f'Ġunju 2010, allura dan imbagħad ifisser li sa dak iż-żmien, ix-xogħlijiet ħżiena li għamlu l-intimati ma setgħu qatt fattwalment ikollhom konsegwenza fuq il-livell ta' produzzjoni tal-attriċi. Għall-istess raġunijiet, it-tnaqqis fid-dħul mill-bejgħ li l-attriċi ġarrbet fis-sena 2009, ma seta' qatt fattwalment kien dovut għax-xogħlijiet ħżiena li għamlu l-konvenuti, u fih innifsu dan il-fatt juri wkoll li l-'mudell' li fuqu l-

[42] Fol. 51.
[43] Ara 'Dok. B', anness mar-rikors maħluf; Fol. 6.
[44] Ara 'Dok A', anness mar-rikors maħluf, Fol. 5.

attriċi bbażat id-danni, u ċioè fuq it-tnaqqis tad-dħul mill-bejgħ, meta mqabbel mal-medja tas-snin 2008 u 2011, mhuwiex wieħed affidabbli, tant li qed jindika li l-attriċi ġarrbet danni fis-sena 2009, meta fattwalment dan ma jista' jkun qatt il-każ;

55. Il-konklużjoni tal-Qorti li sa Ġunju 2010, il-produzzjoni tal-attriċi fir-rigward tal-prodotti inkwistjoni kienet għadha ma ntlaqtitx hija wkoll imsaħħa mill-fatt li l-atturi stess preżentaw kopja ta' żewġ *'purchase orders',* waħda datata 17 ta' Marzu 2010 (P10-062)[45], u l-oħra datata 17 ta' Mejju 2010 (P10-148),[46] u li minnhom jirriżulta li f'dawk il-perjodi, il-kumpanija *Foster Clarks* baqgħet tissottometti l-ordnijiet u dan anke fir-rigward tal-prodotti li skont l-attriċi l-produzzjoni tagħhom ġiet milquta bil-ħsarat tal-art. Barra minn hekk, minn dokument partikolari ieħor li ġie ppreżentat mill-attriċi stess, jirriżulta li sal-21 ta' Ġunju, l-attriċi kienet għadha għaddejja bil-produzzjoni fuq bażi regolari ħafna u f'ammonti konsiderevoli;[47]

56. Sa fejn imbagħad għandu x'jaqsam mal-perjodu ta' wara Ġunju tas-sena 2010; għalkemm l-attriċi tgħid li kienet waqgħet lura fil-produzzjoni minħabba l-ħsarat fl-art, tant li tgħid li kien hemm xi ordnijiet li ma setgħux jiġu proċessati u konsegwentement ġew ikkanċellati minn *Foster Clarks*;

---

[45] Fol. 558-562.
[46] Fol. 563-565.
[47] Fol. 555.

din il-Qorti tinnota li l-unika prova fattibbli li nġabet dwar dan hija biss fir-rigward tal-ordnijiet *viż* il-prodott '*FCP Code : XC2000'* u ċioè '*plastic reclosure cap 158mm'*, u xejn aktar;

57. F'dan ir-rigward, il-Qorti rat li fis-17 ta' Marzu 2010, l-attriċi kienet daħlitilha ordni minn *Foster Clarks*, li fost l-oħrajn kienet tinkludi l-ammont ta' 855,000 f'*'plastic reclosure cap 158mm' (FCP Code XC2000)*[48] u dan bil-prezz ta' €38.24 għal kull elf biċċa. Il-Qorti rat ukoll li fis-17 ta' Mejju 2010, *Foster Clarks* reġgħet ordnat kwantità oħra ta' *'plastic reclosure cap 158mm' (FCP Code XC2000)*[49] fl-ammont ta' 120,000 u bl-istess prezz ta' €38.24 għal kull elf biċċa. Minn 'Dokument JS6', li jinkludi kopja ta' *e-mail* li ġiet mibgħuta minn *Foster Clarks* lill-attriċi fl-4 ta' Frar tas-sena 2011, jirriżulta mbagħad li din tal-aħħar għarrfet lill-attriċi li l-ordni *viz* ir-*'reclosures'* fl-ordnijiet P10-062 u P10-148, *"are to be considered as closed".*[50] Minn fol. 555 u 556, jirriżulta mbagħad li mill-ordni P10-062, l-attriċi tilfet il-bejgħ fl-ammont ta' <u>550,256</u> *plastic reclosure cap 158mm (FCP Code XC2000)*,[51] u mill-ordni P10-148, l-attriċi tilfet il-bejgħ tal-ammont sħiħ ta' 120,000 *plastic reclosure cap 158mm (FCP Code XC2000).*[52] Peress li minn 'Dokument JS3' jirriżulta li minn fuq ir-*'reclosures'* l-attriċi kellha qligħ ta' madwar 35.25%, din il-Qorti tikkonkludi

48 Ara P10-062, fol. 560.
49 Ara P10-148, fol. 564.
50 Fol. 554.
51 Fol. 555.
52 Fol. 556.

li l-attriċi rnexxielha tipprova li ġarrbet telf ta' qligħ fl-ammont ta' **€9,034.78**;[53]

58. Meħud dan kollu inkonsiderazzjoni, daqskemm l-attriċi rnexxielha ġġib il-prova tat-telf ta' qligħ li ġarrbet fir-rigward tal-*'plastic reclosure cap 158mm',* daqstant ieħor kien faċli u possibbli għall-attriċi li tressaq l-istess provi fir-rigward tal-prodotti l-oħra manifatturati minnha u li allegatament tilfet il-bejgħ tagħhom minħabba l-ħsarat fl-art. Fil-fehma tal-Qorti, li kieku l-attriċi tassew kellha xi ordnijiet oħra li ġew kanċellati minn *Foster Clarks* għaliex kienet waqgħet lura fil-produzzjoni, l-attriċi kienet tressaq prova ta' dan, bħalma għamlet fil-każ tal-*'plastic reclosure cap 158mm'*. Bl-istess mod, u għall-istess raġunijiet, li kieku huwa tassew minnu li *Foster Clarks* bagħtet xi *e-mail* lill-attriċi fis-sens li qabel ma jitlestew l-ordnijiet hija ma kinitx ser tordna aktar xogħol mingħanda, l-attriċi kienet tippreżentaha wkoll, u dan bħalma preżentat l-*e-mails* l-oħrajn. Barra minn hekk, għalkemm l-attriċi tħambaq li dan kollu wassal biex *Foster Clarks* bdiet tordna anqas minn għandha, l-attriċi però ma ressqet l-ebda xhud minn *Foster Clarks* biex jixhed dwar ir-raġuni għalfejn l-istess *Foster Clarks* ma baqgħetx tordna l-istess kwantitajiet mingħand l-attriċi. Fil-fehma tal-Qorti min ma jressaqx l-aħjar prova meta din tkun tista' tinġieb, ma jagħmilx hekk għax jaqbillu;

[53] [(550,256+120,000) *€38.240] / 1000 = €25,630.589* 35.25% = €9,034.78.

59. Ikkonsidrat dan kollu, din il-Qorti ma tarax li dan huwa każ fejn kien impossibbli jew diffiċli ħafna għall-attriċi biex iġġib prova tat-telf ta' qligħ li hija setgħet ġarrbet minħabba dak li ġara fl-art tal-fabbrika konsegwenza tax-xogħlijiet ħżiena. Apparti minn evidenza dokumentarja tal-kanċellament tal-ordnijiet; f'każ bħal dan, fejn id-dannu ġara f'fabbrika tal-manifattura, l-attriċi setgħet faċilment iġġib prova tal-ordnijiet li ma setgħux jiġu manifatturati kif ukoll tal-ħin jew il-ġranet li fihom il-magni baqgħu mitfija konsegwenza tad-difetti li kien hemm fl-art. Bħalma jidher mid-dokumentazzjoni li ġiet ippreżentata mill-attriċi f'fol. 540 sa 548, fabbriki li joperaw fil-qasam tal-manifattura jkollhom *'costings'* dettaljati biżżejjed li abbażi tagħhom l-attriċi setgħet tressaq prova tad-danni preċiża u realistika. L-attriċi però m'għamlet xejn minn dan u kemm hu hekk fil-kontroeżami li sarlu waqt is-seduta tas-16 ta' Ottubru 2018, Jason Schembri xehed hekk:[54]

> *"Dr Massimo Vella : Mhux tal-figuri imma ż-żmien jinteressani , inti at a point in time hemm problema fl-art inti ħarist lejn il-perjodu insa l-figuri .*
> *Xhud : Jiena accountant figuri kull ma rajt .*
>
> *Dr Massimo Vella : Xtaqtek tghidli jekk irrelatajtx il-figuri li ppreżentajtilna maż-żmien effettiv li fil-fatt kien hemm il-problema , jiena mhux ħa noqghod inħares lejn il-figuri jekk telghux jew niżlux , inti taf meta fil-fatt beda l-problema data preċiża ?*
>
> *Xhud : Le le , jiena fuq dati preċiżi ma dħaltx .*
>
> *Dr Massimo Vella : Ma ħdimtx b' dak il-mod naqblu ?*
>
> *Xhud : Le le fiżikament ma kontx qed noqghod nara issa bdejna mil-lum , jiena xoghli kien figuri .*

[54] Fol. 640.

*Dr Massimo Vella : Semplċiment rajt il-figuri u daqshekk ?*

*Xhud : Aħna ghal figuri naħdmu .*

*Dr Massimo Vella : Inti ma ħaristx lejn il-problema tal-bżieżaq fl-art fit-tali ġurnata allura nibda nghodd min hawn ?*

*Xhud : Le le u lanqas niftakarhom dawn illum irrid infittef fid-dokumenti".*

60. Meħud dan kollu inkonsiderazzjoni, din il-Qorti hija tal-fehma li dan huwa propju każ li fih l-attriċi naqset milli tissostanzja dak allegat minna bi provi li faċilment setgħu jinġabu. Fid-dawl ta' dan, din il-Qorti qiegħda għalhekk taqbel mal-appellanti GAP Limited, u ssib li sa fejn jirrigwardja t-telf ta' qligħ, l-Ewwel Qorti ma kellhiex tillikwida d-danni fuq bażi ta' *arbitirio boni viri*, iżda minflok kellha biss tillikwida d-danni attwali li ġew sodisfaċentement ippruvati mill-attriċi u ċioè dawk fl-ammont ta' **€9,034.78** li huma in konnessjoni mat-telf tal-bejgħ ta' 670,256 *'plastic resclosure cap 158mm'*;

61. Din il-Qorti hija wkoll tal-fehma li l-konsiderazzjonijiet hekk kif appena magħmula jgħoddu wkoll fir-rigward tal-allegat telf marbut mal-pagi tal-ħaddiema li skont l-attriċi tħallsu 'għal xejn'. Bħal fil-każ tat-telf ta' qligħ, fir-rigward tat-telf marbut mal-pagi tal-ħaddiema, l-attriċi setgħet faċilment tressaq prova tal-ħinijiet li l-ħaddiema tagħha ma setgħux jaħdmu minħabba l-ħsarat fl-art tal-fabbrika, u / jew ittella' lil xi ħaddiema jixhdu. Għalkemm dawn il-provi setgħu jitressqu, l-attriċi m'għamlitx hekk u minflok abbinat it-telf tal-paga mal-persentaġġ tat-tnaqqis tad-dħul mill-bejgħ ta' erba' prodotti li kienet timmanifattura lill-*Foster Clarks,* u dan

għas-snin 2009 u 2010 meta mqabbel mas-snin 2008 u 2011. Diġà ġie osservat li dan il-metodu huwa fallaċi, u daqskemm huwa ħażin fir-rigward tal-kalkolu tat-telf ta' qligħ, daqshekk ieħor huwa ħażin fejn tidħol il-kwistjoni tal-pagi tal-ħaddiema. Fil-fehma tal-Qorti, ġaladarba l-attriċi ressqet provi ħżiena, minflok ma spjegat għalfejn kien diffiċli għaliha li tressaq prova preċiża fir-rigward ta' dan it-telf, allura *imputet sibi* u dan kellu jwassal lill-Ewwel Qorti biex tieqaf milli tillikwida xi ammont in konnesjoni ma' din il-pretensjoni;

62. Fl-aħħar nett u dwar it-telf tal-kera, fuq dik il-parti tal-fabbrika li ma setgħetx tintuża għal ċertu żmien minħabba d-difetti fl-art, din il-Qorti taqbel ukoll mal-appellanti GAP Limited li l-Ewwel Qorti ma kellhiex tillikwida xi danni fuq bażi ta' *arbitrio boni* u dan għaliex, bħal fil-każ tat-telf ta' qligħ u l-pagi tal-ħaddiema, l-attriċi naqset milli tissostanzja l-pretensjoni tagħha bi provi tajba u preċiżi li faċilment setgħu jitressqu. Żgur li ma jistax jingħad li kien diffiċli għall-attriċi biex tressaq prova preċiża dwar l-persentaġġ ta' art affetwata bix-xogħlijiet ħżiena *viż* id-daqs kumplessiv tal-fabbrika. L-attriċi m'għamlitx dan, u minflok reġgħet ibbażat il-kalkoli tagħha fuq l-istess premessa ħażina ta' qabel. Għaldaqstant anke hawnhekk din il-Qorti hija tal-fehma li ma kienx hemm lok għal-likwidazzjoni tad-danni fuq il-bażi ta' *arbitrio boni viri*;

63. Fid-dawl ta' dan kollu, l-attriċi għalhekk ser tkun qed tingħata l-ammont ta' **€11,107.17** li ġie likwidat mill-Ewwel Qorti u li ma tressaq l-ebda lment dwaru *viż* l-ispejjeż attwali li l-attriċi nkorriet sabiex issir analiżi tas-saħħa tal-art, u sabiex isiru xogħlijiet rimedjali minħabba d-difetti li rriżultaw fix-xogħol magħmul mill-konvenuti[55]; kif ukoll l-ammont ta' **€9,034.78** li l-attriċi rnexxielha tipprova li ġarrbet bħala telf ta' qligħ. B'kollox l-attriċi ser tkun għalhekk qiegħda tingħata danni fl-ammont ta' **€20,141.95**;

64. L-aħħar kwistjoni li fadal li tiġi ndirizzata hija mbagħad dik marbuta mat-**tieni aggravju li ġie mressaq fl-appell inċidentali** tal-attriċi. F'dak l-aggravju l-attriċi qed tikkontesta d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti rigward l-ispejjeż ġudizzjarji u dan għar-raġuni li l-Ewwel Qorti kkundannata tħallas l-ispejjeż ġudizzjarji tal-konvenut Branko Radojevic. F'dan ir-rigward, din il-Qorti ma tarax li hemm x'tgħid ħafna, u ġaladarba aktar kmieni sabet li Radojevic huwa responsabbli f'sehem ugwali mal-konvenuta GAP Limited, allura dan l-aggravju jistħoqqlu wkoll li jiġi milqugħ;

**Deċiżjoni**

Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell inċidentali kif ukoll l-appell prinċipali tal-konvenuta GAP Limited sakemm

[55] Paġna 8 tas-sentenza tal-Ewwel Qorti.

kompatibbli ma' din is-sentenza, u għaldaqstant din il-Qorti qiegħda għalhekk tirriforma s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tad-9 ta' Diċembru 2021, u dan billi filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuti u tilqa' t-talbiet kollha tal-attriċi, tiddikjara li:

(i) ix-xogħol imwettaq mill-konvenuti ma sarx skont is-sengħa u l-arti;

(ii) konsegwenza tax-xogħol ħażin tal-konvenuti l-kumpanija attriċi ġarrbet danni;

(iii) issib lill-konvenuti GAP Limited u Branko Radojevic responsabbli għal dawn id-danni f'sehem ugwali (50%-50%);

(iv) tillikwida d-danni sofferti mill-kumpanija attriċi fl-ammont ta' għoxrin elf mija wieħed u erbgħin ewro, u ħamsa u disgħin ċenteżmu tal-ewro (€20,141.95); u

(v) tikkundanna lill-konvenuti sabiex kull wieħed minnhom iħallsu lill-attriċi s-somma ta' għaxart elef u sebgħin ewro, u tmienja u disgħin ċenteżmu tal-ewro (€10,070.98), bl-imgħax dekorribbli mid-data tas-sentenza tal-Ewwel Qorti sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż marbuta mal-appell prinċipali ta' GAP Limited jitħallsu nofs bin-nofs ($^1/_2$) bejn l-attriċi u l-konvenut Branko Radojevic, filwaqt li l-ispejjeż marbuta mal-appell inċidentali tal-attriċi jitħallsu nofs bin-nofs ($^1/_2$) bejn il-konvenuti. L-ispejjeż kollha marbuta mal-proċeduri ta' quddiem l-Ewwel Qorti kif ukoll l-ispejjeż marbuta mal-ittra uffiċjali bin-numru 3108/2010 jitħallsu mill-konvenuti f'sehem indaqs bejniethom;

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>President | Tonio Mallia<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm